MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru 993/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**VS**

**FRANCIS BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francis Bugeja, ta’ 56 sena, bin il-mejjet Joseph u Annunziata nee’ Vella, imwieled l-Imsida nhar id-9 ta’ Mejju, 1950, residenti fil-fond numru 4, Triq is-Serkin, Marsa, jew fil-fond numru 5, Triq il-Kampanella, Fgura, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 440450(M);

1. Akkuzat talli ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura, jew firem, billli holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew

helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom, jew kellhom jippruvaw, u xjentement ghamel uzu minn atti, kitba, jew skrittura falza, u cioe' billi altera il-licenzja tal-windscreen bin-numru serjali E171521 uzata fuq vettura tal-marka Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni LAF 379, biex giet tidher li tiskadi f'Dicembru 2006 minflok f'Dicembru 2005;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kibta, jew skrittura falza, u cioe' minn licenzja tal-windscreen iffalsifikata bin-numru serjali E171521 imwahhla fuq vettura tal-marka Mercedes Benz, bin-numru tar-registrazzjoni LAF 379.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju tal-proceduri, wara li ngahta zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkundisrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat Francis Bugeja hati tal-akkuzi kif dedoti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------